## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 102/2022: **KURT BORG (KI. 501696M) V. SKILLS PROPERTIES LIMITED (C86054)**

(FIL-KORS TA' KAWZA L-PIZ TAL-PROVI JISTA JDUR MINN PARTI GHALL-OHRA - L-ONERU HUWA DISTRIBWIT B'MOD LI R-RIKORRENT IRID JIPPROVA L-FATTI TAD-DRITT PRETIZ MINNU MENTRI L-INTIMAT JRID JIPPROVA L-FATTI MINNU ALLEGATI BIEX JIKKUNSTRASTA D-DRITT PRETIZ - ART. 1640 TAL-KAP. 16 – META L-PRINĊIPAL JISTA' JNAQQAS MILL-PAGA DOVUTA LILL-IMPJEGAT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Ġunju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Kurt Borg (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2022[1] li permezz tiegħu talab lil Skills Properties Limited (imsejjħa "il-kumpanija intimata") sabiex tidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata li:

> **"jħallas is-somma għaxart elef tliet mija u erbgħa u disgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€10,394.87) rappreżentanti salarji dovuti lir-rikorrent għal xogħol reż minnu lis-soċjeta konvenuta u dan waqt li hu kien impjegat ma' l-istess soċjeta, b'dana illi l-istess soċjeta konvenuta tiġi kkundanata bħala debitriċi fl-ammont hawn surreferit u konsegwentement tiġi kkundanata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' għaxart elef tliet mija u erbgħa u disgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€10,394,87).**
>
> **Bl-ispejjeż u interessi legali kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 139/2022 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan l-avviż.**

---

[1] Fol 1-2.

**Bl-imgħax legali mid-data ta' l-ewwel ħlas dovut kontra s-soċjeta konvenuta li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tal-kumpanija intimata ppreżentata fl-1 ta' Lulju 2022[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

**"1. Illi huwa minnu li s-soċjetà konvenuta kienet timpjega lir-rikorrenti u huwa rriżenja mill-impjieg tiegħu nhar it-12 ta' Marzu, 2021;**

**2. Illi tul l-impjieg tiegħu, l-esponenti kellu direttur ieħor u ċioe ċertu Cinzia Picciolo u għaldaqstanta dina ser tkun qed tikkonferma li saru l-ħlasijiet kollha dovuti lir-rikorrenti.**

**3. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-eċċipjenti u għandhom jiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li huwa dejjem tħallas fil-ħin u tħallas is-salarju li kien dovut;**

**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jirriżulta n-neċessità fil-mori tal-kawża."**

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmulha fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2025:

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Christina Laudi, u
- għan-nom tal-kumpanija intimata, mill-Avukat Dr. Andrew Grima.

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. Fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2023 ġie ppreżentat l-affidavit tar-rikorrent **Kurt Borg**[3] li fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

   a. Borg beda jaħdem mal-kumpanija intimata fl-1 ta' Ottubru 2019 bħala *labourer.* Dak iż-żmien l-intimata kellha l-isem "Skills Property Competence Limited" Huwa esebixxa kopja tal-kuntratt tax-xogħol tiegħu li ġie mmarkat bħala Dok. KB1[4].

   b. Qal li beda jaħdem ma' tali kumpanija għax ħabib tiegħu li kien jaħdem hemm kien ħajjru biex ikellem lill-imgħallem tiegħu – Silvio Camilleri. Borg kien tkellem ma' Camilleri biex jara x'kien jinvolvi x-xogħol, x'kienu l-kundizzjonijiet

[2] Fol 7.
[3] Fol 20-46.
[4] Fol 22-25.

u x'kienet il-paga. Dwar il-paga, Camilleri kien qal lir-rikorrent li din kienet €2,200 fix-xahar – skont il-kuntratt. Camilleri kien spjegalu li hu kien jieħu ħsieb jmexxi x-xogħol kollu u kien hemm ukoll imgħallma oħra, ċertu Cinzia, li kienet l-Italja.

c. Borg qal li beda jaħdem mal-kumpanija intimata u f'dan ir-rigward ippreżenta l-*employment history* tiegħu bħala Dok. KB2[5]. Spjega li għamel sajf u xitwa fl-2019 jaħdem ġo barriera jagħmel il-pannelli u wara beda jaħdem ġol-bini. Qal ukoll li kienu jmorru fejn jibgħathom Camilleri u meta kien ikollhom bżonn xi ħaġa kienu jkellmu lilu.

d. Skont ir-rikorrent il-problemi bdew fl-2020 meta bdiet il-Covid-19. Huwa qal li Camilleri ma bediex jħallsu l-paga kif suppost għax beda jagħtih €1,200 f'idu u mhux €2,200 gross skont il-kuntratt. F'dan ir-rigward huwa ppreżenta FS3s u payslips bħala Dok KB3 sa KB10[6]. Qal li bħala xogħol xejn ma kien inbidel, lanqas is-siegħat, u li Camilleri beda jġiegħlhom jidħlu wkoll is-Sibt mingħajr *overtime* u ħlas.

e. Borg spjega li kien konsapevoli li kien hemm problema ta' flus għax nies li kienu jbiegħu materjal lill-kumpanija kienu jibqgħu ma jitħallsux jew idumu biex jitħallsu.

f. Borg qal li f'Marzu 2021 Camilleri keċċieh billi qallu li kien qed jaħdem l-aħħar ġimgħa tiegħu. Wara sar jaf li Camilleri beda jallega li kien irriżenja meta filfatt dan ma kienx il-każ.

g. Spjega li fetaħ *claim* mad-DIER biex jiġbor il-flus dovuti lilu u f'dan ir-rigward ippreżenta Dok. KB11[7] u rendikont bħala Dok. KB12[8]. Qal illi minħabba li Cinzia Picciolo ma setgħetx tinstab tali proċeduri kienu ser jiġu eżawriti u għalhekk kellu jirrikorri biex jiftaħ il-kawża odjerna.

h. Għalkemm ipprova jkellem lil Camilleri għall-ħlas, dan kien kollu għalxejn għax baqa' jinsisti li ma jħallsux.

[5] Fol 26-27.
[6] Fol 28-35.
[7] Fol 35A-36.
[8] Fol 37-38.

i. Finalment ippreżenta kopja ta' ittra uffiċjali li ġiet immarkata bħala Dok. KB13[9].

2. Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2024 ir-rikorrent **Kurt Borg**[10] xehed in kontro-eżami fejn qal, fost affarijiet oħra, is-segwenti:

a. Qal li l-kuntratt ta' impjieg iffirmah kemm ma' Cinzia Pizzolo u anke ma' Silvio Camilleri iżda imbagħad ikkonferma illi għall-intimata kienet filfatt iffirmat Cinzia Pizzolo. Mistoqsi ma' min saru n-negozjati tal-pakkett finanzjarju huwa qal li dawn saru ma' Silvio Camilleri.

b. Mistoqsi dwar x'kien jinvolvi x-xogħol tiegħu ta' *labourer* spjega li l-ewwel beda iwaħħal l-pannelli mbagħad sena wara beda jaħdem fil-bini.

c. Mistoqsi jekk l-paga li semma fl-affidavit ta' €2,200 fix-xahar kinitx gross irrisponda fl-affermattiv u mistoqsi jekk il-paga li qala' meta beda l-COVID ta' €1,200 kinitx net jew gross irrisponda li dak l-ammont kien l-ammont li beda jieħu f'idejh.

d. Mistoqsi jekk kienux kellmuh qabel ma tterminawlu l-impjieg huwa irrisponda fin-negattiv u nnega illi qatt kienu qalulu li ma kienux kuntenti b'xogħlu. Spjega li l-problema kienet fuq il-paga għax tas-Sibtijiet ma kienx qed jitħallas tagħhom, u fl-aħħar tax-xahar beda jitħallas €700. Borg qal li meta staqsa dwar dan Camilleri qallu li kienu ser jgħaddulu €700 fil-kont bankarju u mbagħad il-bilanċ beda jitħallas b'mod sporadiku bħal ngħidu aħna €200 f'daqqa. Żied jgħid li din ma ġratx lilu biss iżda ġrat ukoll lill-ħaddiema l-oħra.

e. Huwa ġie mistoqsi dwar messaġġ li r-rikorrent kien bagħat lil Camilleri fil-ġimgħa li tkeċċa li jaqra kif ġej: "*640 ghandek ittini, ta' din il-paga ghax 780 qbadt ergajt u 220 tal-paga l-ohra thallix fi tul biex tehlishomli*" u ġie kkonfrontat ma dak li qal fl-affidavit tiegħu u ċioe illi kellu sena u nofs imħallsa ħażin. F'dan ir-rigward ir-rikorrent irrisponda li l-kalkoli kienu għamluhom id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi li kien infurmah ukoll li l-paga ma setgħet tonqoslu qatt diment li kien qed jagħti l-istess siegħat ta' xogħol.

[9] Fol 40-45.
[10] Fol 92-98.

f. Meta ġie mistoqsi jekk allura kienx jaf li kien qed jirċievi bin-nieqes fiż-żmien meta skont hu beda jaqla paga inqas, ir-rikorrent wieġeb illi dażgur li kien induna iżda qal li ħassu li ma seta jagħmel xejn peress li kien fiż-żmien tal-pandemija u beża li ma jsibx xogħol apparti li kellu tifla x'irabbi. Ċaħad illi huwa kien ġie infurmat li ma kienx tajjeb f'xogħlu u li kien talab lill-kumpanija żżommu fl-impjieg minħabba t-tifla tiegħu. Huwa qal li t-tifla tiegħu twieldet f'Settembru 2019.

3. Fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2023 xehed **Nigel Xuereb Said**[11], manager fi ħdan id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg fejn qal, fost affarijiet oħrajn, is-segwenti:

    a. Il-każ tar-rikorrent ġie miftuħ fil-5 ta' April 2021 u kien dwar terminazzjoni tar-rikorrent mill-imgħallem għal raġunijiet dixxiplinarji. Spjega li t-talba kienet tgħid li għalkemm r-rikorrent baqa' jaħdem erbgħin siegħa fil-ġimgħa s-salarju bażiku tiegħu kien inqas minn dak miftiehem fil-kuntratt ta' impjieg, u li minn Jannar 2021 'il quddiem il-paga kompliet tonqos. Borg kien għamel talba għad-differenza fil-paga li tħallset lilu minn April 2020 sal-ġurnata tat-terminazzjoni tiegħu.

    b. Ix-xhud spjega li l-ammont dovut wara li ġiet ikkontemplata t-talba abbażi tal-evidenza preżentata lid-Dipartiment kien dak ta' €10,394.87.

    c. Ippreżenta Dok. NXS1 (*claim letter*)[12], Dok. NXS2 (*statement of accounts*)[13], Dok. NXS3 (kuntratt ta' impjieg)[14] u Dok. NXS4 (il-*payslip*)[15].

    d. Mistoqsi x'ġara wara li saret it-talba tar-rikorrent lid-Dipartiment, Xuereb Said qal li ħarġu l-akkużi u l-każ mar il-Qorti, però eventwalment ġie ddikjarat preskritt minħabba li kien hemm diffikultà sabiex l-akkużata tiġi notifikata.

4. Fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023 ir-rikorrent ippreżenta nota b'numru ta' dokumenti ossia' Dok. MBR1[16] (notifika ta' tibdil fost ir-rappreżentanti kollha tal-kumpanija

---

[11] Fol 46A-46D.
[12] Fol 47-48.
[13] Fol 49-50.
[14] Fol 51-53.
[15] Fol 54-59.
[16] Fol 62-63.

intimata), Dok. MBR2[17] (il-*memorandum and articles of association* tal-kumpanija intimata) u Dok MBR3[18] u MBR4 (spejjeż sabiex dawn id-dokumenti jiġu miksuba mis-sistema *online* tar-Reġistratur tal-Kumpaniji)[19].

5. Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 xehed **<u>Silvio Camilleri[20]</u>** in rappreżentanza tal-kumpanija intimata fejn qal, *inter alia*, is-segwenti:

    a. Qal li ilu jokkupa l-kariga ta' direttur eżekuttiv minn Mejju 2021.

    b. Spjega li r-rikorrent kien impjegat tal-kumpanija u li fiż-żmien meta kien jaħdem magħhom ir-rikorrent, il-kariga tal-istess Camilleri kienet fuq l-operat, jiġifieri kien impjegat ukoll tal-kumpanija.

    c. Qal li l-linja tax-xogħol tal-kumpanija hija l-industrija tal-bini u *finish*ing works. Ir-rikorrent kien jaqa' taħtu, fis-sens li Camilleri kien jgħidlu fejn irid imur u ma' min jaħdem. Id-direttur Cinzia Piccolo kienet impjegat lir-rikorrent.

    d. Spjega wkoll li meta ħa l-kumpanija f'idejh ma kien hemm l-ebda djun dovuti lil xi impjegati oħra.

    e. Camilleri qal li f'Marzu 2021 ir-rikorrent kien bagħtlu messaġġ tramite Whatsapp u qallu li jrid jieħu €640 mingħandu biex jagħlaq il-pagamenti. Spjega li r-rikorrent dam jaħdem mal-kumpanija sa Frar 2021, u li l-pagamenti kienet dejjem tieħu ħsiebhom Cinzia dak iż-żmien.

6. Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2024 xehed in kontro-eżami l-istess **<u>Silvio Camilleri[21]</u>** fejn ippreżenta kopja ta' messaġġi skambjati bejnu u r-rikorrent bħala Dok. SCX1[22]. Meta ġie mistoqsi dwar l-istqarrija li kien għamel fis-seduta preċedenti ossia illi meta ħa l-kumpanija f'idejh ma kien hemm l-ebda djun dovuti lill-impjegati, huwa qal illi dan irriżultalu kemm minn dak li kienet qaltlu Cinzia u kemm mill-istatements tal-accountant. Mistoqsi jekk kienx hemm xi dokumenti li kienet urietu l-istess Cinzia huwa rrisponda li kienet urietu l-*payslips* u *transactions*.

---

[17] Fol 65-80.
[18] Fol 81.
[19] Fol 82.
[20] Fol 88-90.
[21] Fol 98A-98C.
[22] Fol 99.

7. Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2025, **<u>Silvio Camilleri</u>** ppreżenta kopja tal-payslips tar-rikorrent għax-xhur ta' Marzu 2021[23], Frar 2021[24] u Jannar 2021[25], u kopja tat-transazzjonijiet li saru mill-kont bankarju tal-kumpanija mill-1 ta' Awwissu 2020 sal-31 ta' Jannar 2021[26], u l-formola tat-terminazzjoni tar-rikorrent[27].

**Kunsiderazzjoni: ġenerali**

8. Fil-każ in eżami r-rikorrent qiegħed jitlob li l-kumpanija intimata tiġi kkundannata tħallsu €10,394.87 rappreżentanti ammont li jgħid li huwa dovut lilu bħala salarju għal xogħol magħmul minnu mis-sena 2020 sad-data tat-terminazzjoni tiegħu - it-12 ta' Marzu 2021. Il-kumpanija intimata laqgħet għal tali talba billi fil-waqt li fl-ewwel lok qablet mar-rikorrent illi huwa kien impjegat magħha sa ma rriżenja fit-12 ta' Marzu 2021, eċċepiet fit-tieni eċċezzjoni tagħha li d-direttriċi preċedenti tal-kumpanija, ċertu Cinzia Picciolo, sejra tikkonferma li effettivament saru l-ħlasijiet kollha dovuti lir-rikorrent u li għalhekk fit-tielet eċċezzjoni tagħha eċċepiet li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

9. Jirriżulta mill-provi in atti li l-impjieg tar-rikorrent kien regolat b'kuntratt ta' impjieg[28] u l-prinċipal kienet il-kumpanija Skills Property Competence Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C86054 li sussegwentement biddlet isimha għal Skills Properties Limited[29]. Skont Dok. KB1, il-kuntratt kien datat l-1 ta' Ottubru 2019 u kien għal perjodu fiss ta' tnax-il xahar. Fost termini oħra inklużi fil-kuntratt, il-prinċipal, ossia l-kumpanija intimata, ntrabat li jħallas lir-rikorrent paga gross ta' €2,200 fix-xahar rappreżentanti erbgħin siegħa fil-ġimgħa maħduma mir-rikorrent li jfisser ħlas bir-rata ta' € 12.69 fis-siegħa. Tali ammont kien jinkludi wkoll il-*bonuses* statutorji.

10. Jirriżulta wkoll mill-provi in atti tramite *payslips* ippreżentati mir-rikorrent[30] (kif ukoll mir-rappreżentant tad-DIER u mill-intimata nfusha) li l-paga gross tiegħu f'Jannar u Frar 2020 kienet €2,083 rispettivament filwaqt li f'Marzu u April 2020 din

[23] Dok. SCX1 a fol 108.
[24] Dok. SCX2 a fol 109.
[25] Dok SCX3 a fol 110.
[26] Dok. SCX4 a fol 111-113.
[27] Dok. SCX5 a fol 114.
[28] Dok KB1 a fol 22-25.
[29] Fol 65.
[30] Doks KB5 sa KB8 a fol 30-33.

naqset għal €1,583 fix-xahar. Fl-FS3 għas-sena 2020[31] l-emolumenti gross tar-rikorrent kienu mniżżla mill-kumpanija intimata li kienu jammontaw għal €20,002.

11. Skont il-*payslips* ta' Jannar u Frar 2021[32], il-paga *gross* tar-rikorrent kienet naqset għal €852.70 fix-xahar, għalkemm il-Qorti tinnota li l-kumpanija intimata kienet niżżlet li r-rikorrent kien ħadem oltre l-erbgħin siegħa fil-ġimgħa dak ix-xahar (u ċioe kien ħadem 173.33-il siegħa dak ix-xahar). Skont il-*payslip* ta' Marzu 2021[33], ir-rikorrent tħallas €416.55 għal ġimgħatejn xogħol f'Marzu 2021 (80 siegħa) qabel ma l-impjieġ tiegħu spiċċa tterminat.

12. Minkejja li l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent kien għal perjodu ta' tnax-il xahar mill-1 ta' Ottubru 2019, ma tressqet l-ebda prova la mir-rikorrent u lanqas mill-kumpanija intimata li tali kuntratt ġie estiż formalment mill-partijiet wara l-iskadenza tiegħu, jew li semmai ġie ffirmat kuntratt ta' impjieg ieħor b'kondizzjonijiet ta' impjieg differenti. Stante li, skont id-definizzjoni ta' kondizzjonijiet ta' impjieg fil-Kap. 452 (Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali)[34] il-paga hija kkunsidrata bħala waħda mill-kondizzjonijiet, ir-rikorrent kellu jibqa' jaħdem għall-kumpanija intimata bl-istess kondizzjonijiet ta' impjieg, u għalhekk bl-istess paga għall-istess siegħat ta' xogħol.

13. L-Art. 15(1) tal-Kap. 452 jipprovdi wkoll is-segwenti dwar tnaqqis mill-pagi:

> **'15. (1) Ħlief meta jkun espressament permess mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew meħtieġ b'xi liġi oħra, jew meta ordnat minn jew bis-saħħa ta' ordni ta' qorti kompetenti, jew permess fi ftehim li jkun sar bejn prinċipal jew prinċipali jew għaqda ta' prinċipali min-naħa l-waħda u trade union jew trade unions li jirrappreżentaw l-impjegati nteressati min-naħa l-oħra, prinċipal ma għandu jagħmel ebda tnaqqis u lanqas jagħmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li għandha titħallas mill-prinċipal lill-impjegat.'**

14. Imbagħad l-Art. 19(2) tal-istess Kap. 452 jipprovdi li:

[31] Dok KB4 a ol 29.
[32] Dok SCX2 u SCX3 a fol 109 u 110.
[33] Dok SCX1 a fol 108.
[34] Art. 2 tal-Kap. 452 – " **"kondizzjonijiet tal-impieg" tfisser pagi, il-perjodu tal-impieg, is-siegħat tax-xogħol u l-leave u tinkludi kull kondizzjoni li għandha x'taqsam mal-impieg ta' xi impjegat taħt kuntratt ta'servizz inklużi l-benefiċċji li joħorġu minnu, it-termini tal-impieg, it-termini ta' parteċipazzjoni fix-xogħol il-ftehim dwar il-mod kif jiġi terminat xi impieg u l-metodu ta' kif differenzi li jistgħu jinqalgħu bejn il-partijiet fil-ftehim jistgħu jintemmu; iżda ma tinkludix etika professjonali li toħroġ mir-relazzjoni professjonali bejn prinċipal u impjegat;".**

**'19(2) Minkejja d-dispożizzjoni tas-subartikolu (1), meta impjegat jonqos mingħajr kawża ġusta li jagħti lill-prinċipal tiegħu n-numru kollu ta' siegħat ta' xogħol kif ikun marbut bil-kondizzjonijiet ta'xi kuntratt ta' servizz applikabbli għalih il-prinċipal ma għandux iwaħħal lill-impjegat xi multa għal dak it-telf ta' xogħol iżda jista' jnaqqas mit-total tal-paga dovuta lill-impjegat dik il-parti minnha li tikkorrispondi għax-xogħol hekk mitluf."**

15. Inoltre, l-Art. 22(2) tal-Kap. 452 jagħmilha ċara dwar x'għandu jkun dovut lill-impjegat mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz:

**'22. (2) Mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu għadhom ma tħallsux u kull kumpens li għandu jitħallas lill-impjegat għall-leave mhux meħud għandhom jitħallsu mad-data tal-jum tal-paga li tiġi minnufih wara iffissata skont is-subartikolu (1) bħallikieku l-kuntratt ma ntemmx.'**

16. Il-Qorti tosserva li ma jirriżultax mill-provi in atti li l-partijiet ftehmu fuq xi kondizzjonijiet ġodda ta' impjieg bil-fomm, inkluż paga mnaqqsa, jew li t-tnaqqis li r-rikorrent sofra fil-paga tiegħu kien riżultat ta' xi multi imposti fuqu jew ta' xi siegħat nieqsa li ma ħadimx mingħajr ġustifikazzjoni. Għalhekk skont id-disposizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati, l-intimata bħala l-prinċipal ma kellha tagħmel ebda tnaqqis mill-paga sat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu.

17. Din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju ma tirrimarkax dwar in-nuqqas ta' provi mressqa mil-kumpanija intimata. Ix-xhieda tad-direttur eżekuttiv tagħha Silvio Camilleri ma xeħtet l-ebda dawl fuq x'paga tħallset lir-rikorrent fil-perjodu in eżami, u ma sar l-ebda attentat minnu biex ixekkel it-talba tar-rikorrent li hu dovut ammonti mill-kumpanija intimata li ġew imnaqqsa mill-paga tiegħu. Magħdud ma' dan, l-istatement mill-kont bankarju tal-kumpanija intimata li jkopri perjodu pjuttost qasir bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u l-31 ta' Jannar 2021[35] mingħajr imqar spjegazzjoni ta' liema mit-tranżazzjonijiet kienu relevanti għall-mertu tal-kawża odjerna lanqas ma tista' tikkostitwixxi provi in difiża tal-eċċezzjoni intimata li saru l-ħlasijiet kollha dovuti lir-rikorrent. Kif tista' l-Qorti minn Dok. SCX4 tivverifika x'ammonti tħallsu lir-rikorrent meta fid-deskrizzjoni tat-tranżazzjonijiet m'hemmx imqar miktub min kien ir-reċipjent tal-flejjes mgħoddija?! Kif jista' tali document jissarraf fi prova, iktar u iktar l-aħjar prova kif jirrikjedi l-Art. 559 tal-Kap. 12[36], li r-rikorrent kien tħallas il-paga dovuta lilu skont il-kuntratt? Lanqas ma sar xi tentattiv mill-kumpanija

[35] Dok SCX4 a fol 111- 113.
[36] L-Art. 559 jaqra hekk: "**559. Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.**".

intimata sabiex titlob ix-xhieda tad-direttriċi preċedenti tagħha, kif eċċepiet li kienet ser tagħmel fit-tieni eċċezzjoni tagħha.

18. Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza inkluż fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005):

> "in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("*actori incumbit probatio*") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("*reus in excipiendo fit actor*"). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

19. It-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija intimata rigward il-ħlas hija għalhekk eċċezzjoni li jeħtieġ li tiġi ppruvata biss mill-istess intimata. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Mercury Investments Limited v. Roberta Grech** (PA, Rik Nru 349/2007 JRM, 21/04/2016) fejn ingħad is-segwenti:

> "Illi tajjeb li wiehed izomm ukoll quddiem ghajnejh li d-difiza tal-imharrka f'din il-kawza tissejjes fuq l-eccezzjoni tal-hlas imwettaq ("*exceptio soluti*"); Illi huwa maghruf li eccezzjoni bhal din hija wahda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jaghzel biex jehles minn talba tal-kreditur tieghu ghall-hlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eccezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni (art. 1147(1) tal-Kap. 16) u t-twettiq taghha minna tad-debitur (art. 1146 tal-Kap. 16). Billi l-hlas huwa wiehed mill-modi maghrufa mil-ligi (art. 1145(a) tal-Kap. 16) kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eccezzjoni tal-hlas, jekk tirnexxi, ggib maghha c-cahda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti ghall-hlas (jigifieri ttwettiq tal-obbligazzjoni). Minhabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima procedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eccezzjoni tilhaq l-ghan taghha, jehtieg ukoll li jintwera li l-hlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-ligi li tircevih[37]; Illi meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx

[37] PA 14/03/1957 fil-kawża fl-ismijiet **Zammit v. Montanaro Gauci noe et** (Kollez. Vol: XLI.ii.930).

l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-ricevuta hija l-aqwa prova tal-hlas, u fin-nuqqas ta' prova bhal din titnissel il-prezunzjoni li l-hlas ma jkunx tassew sehh. Jezistu modi ohrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova ohra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun thallas[38]".

20. Huwa ċar mill-atti proċesswali li l-kumpanija intimata naqset milli tipprova l-pretiża tagħha ta' ħlas b'mod sodisfaċenti u għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija intimata qiegħda tiġi miċħuda.

**Kunsiderazzjoni: ammont dovut lir-rikorrent**

21. Skont Dok. KB12[39] li ġie anke sussegwentement ppreżentat mix-xhud Nigel Xuereb Said bħala Dok. NXS1[40], l-ammont pretiż mir-rikorrent li hu dovut lilu bħala paga b'lura hu dak ta' €10,394.87 – u dan skont is-segwenti kalkoli li ġew maħduma mid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg:

- Salarju dovut għall-perjodu bejn 01/03/2020 u 31/12/2020 €6,166.70
- Salarju dovut għall-perjodu bejn 01/01/2021 u 28/02/2021 €2,708.46
- Salarju dovut għall-perjodu bejn 01/03/2021 u 12/03/2021 €1,018.40
- Ammont dovut għall-leave bejn 01/01/2021 u 12/03/2021 €501.31

22. Din il-Qorti tinnota li fl-FS3 għas-sena 2020[41] l-emolumenti *gross* tar-rikorrent kienu mniżżla mill-kumpanija intimata li kienu jammontaw għal €20,002, nonostante li skont it-termini tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu s-salarju *gross* tar-rikorrent kellu jkun minn tal-inqas €26,400[42]. Ma jirriżultax lil din il-Qorti mill-provi in atti jekk ir-rikorrent ħadimx siegħat oltre l-erbgħin siegħa fix-xahar fis-sena 2020. Għalhekk skont kalkoli magħmula minn din il-Qorti r-rikorrent hu dovut l-ammont ta' **€6,579.48** paga b'lura għas-sena 2020.

23. Skont il-*payslips* ta' Jannar u Frar 2021[43], il-paga *gross* tar-rikorrent kienet naqset għal €852.70 fix-xahar, għalkemm minn analiżi magħmula minn din il-Qorti ta' tali *payslips* jirriżulta li r-rikorrent kien ħadem 13.33-il siegħa *overtime* kemm f'Jannar u

[38] PA 23/02/1965 fil-kawża fl-ismijiet **Darmanin v. Muscat** (Kollez. Vol: XLIX.ii.776) u App. Civ. 5.10.1998 fil-kawża fl-ismijiet **Chetcuti et v. Pearson et noe** (Kollez. Vol: LXXXII.ii.317 a fol. 322 - 3).
[39] Fol 37-38.
[40] Fol 47-48.
[41] Dok KB4 a fol 29.
[42] Dan l-ammont jeskludi l-aġġustament għall-għoli tal-ħajja li, skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.120 (Ordni dwar Standard Nazzjonali dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati) kien jammonta għal €3.49 fil-ġimgħa, u għalhekk għas-sena 2020 kien jammonta għal €181.48.
[43] Dok SCX2 u SCX3 a fol 109 u 110.

anke fi Frar 2021. Għalhekk, tenut kont li skont il-kuntratt ta' impjieg ir-rikorrent kellu jitħallas €15.50 għal kull siegħa ta' *overtime*, kif ukoll għandu jiġi miżjud l-aġġustament għall-għoli tal-ħajja li kien jammonta għal €1.75 fil-ġimgħa skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 145.122 (Ordni dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati), mill-kalkoli magħmula minn din il-Qorti r-rikorrent hu dovut l-ammont ta' **€3,149.75** paga b'lura għal Jannar u Frar 2021.

24. Skont il-*payslip* ta' Marzu 2021[44], ir-rikorrent tħallas €416.55 għal ġimgħatejn xogħol f'Marzu 2021 (80 siegħa). Ma jidhirx li d-Dipartiment ħa dan l-ammont in konsiderazzjoni fil-kalkoli tiegħu[45] ta' x'kien tħallas ir-rikorrent mill-kumpanija intimata. Minn kalkoli magħmula minn din il-Qorti jirriżulta li l-paga tar-rikorrent għal dawn it-tmenin siegħa kellha tammonta għal €1,110.48 u għalhekk ir-rikorrent hu dovut **€693.93** paga b'lura għax-xahar ta' Marzu 2021.

25. Mill-provi in atti mressqa mir-rikorrent – li ma ġewx ikkontestati mill-kumpanija intimata – ir-rikorrent hu ntitolat għall-ħlas ta' **€501.31** għal leave mhux meħud minnu fis-sena 2021.

26. Għalhekk skont il-Qorti l-ammont totali dovut lir-rikorrent huwa dak ta' **€6,579.48 + €3,149.75 + €693.93 + € 501.31 = €10,924.47**

27. It-talba tar-rikorrent (li wara kollox hija bbażata fuq il-kalkoli tad-Dipartiment u għalhekk ma tantx jista' jaħti għalihom) hija madanakollu limitata għall-ammont ta' €10,394.87 u għalhekk minħabba r-regola tal-*ultra petita*, din il-Qorti hija marbuta li tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas is-somma mitluba mir-rikorrent, li tirriżulta mill-provi li hija filfatt dovuta.

28. Dwar it-talba għall-ħlas tal-imgħax legali, tali imgħax ġie deskritt mir-rikorrent fir-rikors promotur illi għandu jibda jiddekorri *"mid-data tal-ewwel ħlas dovut".* Dan il-kreditu però huwa ta' xorta ċivili (mhux kummerċjali) u għalhekk ai termini tal-Art. 1141(2) tal-Kap. 16, l-imgħax għandu jibda jiddekorri minn dakinhar illi tkun saret is-sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju. Din is-sejħa saret permezz tal-ittra uffiċjali 139/2022 li mill-atti jidher li ġiet notifikata lill-intimata fit-2 ta' Mejju 2022.[46] Għalhekk l-imgħax legali beda jiddekorri minn tali data.

---

[44] Dok SCX1 a fol 108.
[45] Fol 47-48
[46] Fol 41

**Deċiżjoni**

29. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqà t-talbiet tar-rikorrent u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija intimata, b'dana li tiddikjara li l-kumpanija intimata hi debitriċi tar-rikorrent fis-somma ta' għaxart elef tliet mija u erbgħa u disgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€10,394.87) rappreżentanti salarji mhux imħallsa. Bl-imgħax legali dekoribbli mit-2 ta' Mejju 2022 u bl-ispejjeż kollha kif mitluba.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep Reġistratur